ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 150

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

13 ta' Ġunju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 497/2009 tat-12 ta' Ġunju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2009 tat-12 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2003 li jippreskrivi regoli dettaljati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 fir-rigward ta' rekwiżiti għall-għoti ta' rifużjonijiet konnessi mal-welfare tal-annimali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport** ........ 3

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2009/56/KE tat-12 ta' Ġunju 2009 li tikkoreġi d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/126/KE li temenda d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, fir-rigward tad-data tat-traspożizzjoni tagħha** (1) ........ 5

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kunsill**


2009/458/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija** .......... 6

2009/459/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien** .......... 8


**Il-Kummissjoni**


2009/460/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4246)* ([1]) .......... 11

2009/461/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2009 li taħtar rappreżentant tal-Kummissjoni għall-Bord tal-Ġestjoni tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini** .......... 20

2009/462/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2009 li tidderoga mill-punt 1(d) tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/420/KE, fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni għal injam suxxettibbli minn barra ż-żoni demarkati** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4515)* .......... 21


MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 497/2009

## tat-12 ta' Ġunju 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 37,3 |
| | MK | 35,9 |
| | TR | 41,3 |
| | ZA | 28,0 |
| | ZZ | 35,6 |
| 0707 00 05 | JO | 162,3 |
| | MK | 31,4 |
| | TR | 162,3 |
| | ZZ | 118,7 |
| 0709 90 70 | TR | 85,9 |
| | ZZ | 85,9 |
| 0805 50 10 | AR | 54,7 |
| | TR | 87,8 |
| | ZA | 65,6 |
| | ZZ | 69,4 |
| 0808 10 80 | AR | 82,8 |
| | BR | 76,6 |
| | CL | 79,2 |
| | CN | 99,5 |
| | NZ | 100,2 |
| | US | 117,5 |
| | ZA | 78,8 |
| | ZZ | 90,7 |
| 0809 10 00 | TN | 146,2 |
| | TR | 168,7 |
| | ZZ | 157,5 |
| 0809 20 95 | TR | 505,0 |
| | ZZ | 505,0 |
| 0809 30 | TR | 133,0 |
| | US | 340,6 |
| | ZZ | 236,8 |
| 0809 40 05 | CL | 118,9 |
| | ZZ | 118,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 498/2009**

**tat-12 ta' Ġunju 2009**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2003 li jippreskrivi regoli dettaljati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 fir-rigward ta' rekwiżiti għall-għoti ta' rifużjonijiet konnessi mal-welfare tal-annimali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 170 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 639/2003 ([2]) jirreferi għall-konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasportazzjoni tagħhom bħala kundizzjoni għall-ħlas ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni.

(2) B'segwitu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tas-17 ta' Jannar 2008 fil-Kawżi Konġunti C-37/06 u C-58/06 u tat-13 ta' Marzu 2008 fil-Kawża C-96/06, għandha tiġi ċċarata r-rabta bejn ir-Regolament (KE) Nru 639/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ([3]).

(3) Ir-regoli dwar il-benesseri (welfare) tal-annimali tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 li huma indirizzati lejn l-operaturi u li jwasslu, fi kwalunkwe każ ta' ksur ta' dawn ir-regoli, għat-telf tar-rifużjoni relatata mal-ksur ikkonċernat, għandhom jiġu stipulati b'mod ċar. F'dak il-kuntest, l-Artikoli 2 u 3 u l-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament(KE) Nru 1/2005 u l-Annessi msemmija fihom għandhom l-għan li jispeċifikaw dispożizzjonijiet li jkunu indirizzati lejn l-operaturi, u li jkollhom x'jaqsmu direttament mal-għan tal-protezzjoni tal-annimali filwaqt li dispożizzjonijiet oħra ta' dak ir-Regolament jikkonċernaw ir-regoli amministrattivi.

(4) L-Artikolu 168 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (KE) Nru 639/2003 jipprovdu li l-ħarsien tar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali huwa kundizzjoni għall-ħlas ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni. Għaldaqstant, għandu jiġi stipulat b'mod ċar li, mingħajr preġudizzju għal kawżi ta' force majeure rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali twassal għat-telf tar-rifużjoni tal-esportazzjoni u mhux għal tnaqqis tagħha, skont l-għadd ta' annimali li għalih ma jkunux ġew imħarsa r-rekwiżiti tal-benesseri. Bl-istess mod, kemm minn dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll mir-regoli dwar il-benesseri tal-annimali li huma inklużi fl-Artikoli 2 u 3 u l-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, jirriżulta li r-rifużjoni għandha tintilef fil-każijiet ta' dawk l-annimali li għalihom ma jiġux imħarsa r-regoli dwar il-benesseri, irrispettivament mill-kundizzjonijiet fiżiċi reali tal-annimali.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 639/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Ħlas ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal annimali tal-ifrat ħajjin li jaqgħu fil-kodiċi NM (Nomenklura Magħquda) 0102 (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-annimali'), skont l-Artikolu 168 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandu jkun suġġett għall-konformità, waqt it-trasport tal-annimali lejn l-ewwel post tal-ħatt fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni finali, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 u l-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 (*) u l-Annessi msemmija fihom, u mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.";

(2) L-ewwel subparagrafu tal-paragrufu 1 tal-Artikolu 5 hu mibdul b'dan li ġej:

"Is-somma totali tar-rifużjoni tal-esportazzjoni għal kull annimal li tiġi kkalkolata skont it-tieni subparagrafu ma għandhiex tithallas għal:

(a) annimali li jmutu waqt it-trasport, għajr kif previst fil-paragrafu 2;

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 10.4.2003, p. 10.
([3]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

(b) annimali li jwelldu jew ikollhom abort waqt it-trasport qabel l-ewwel ħatt tagħhom fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni finali;

(c) annimali li għalihom, fid-dawl tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(2) u/jew l-elementi l-oħra kollha disponibbli għaliha li jikkonċernaw il-konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tqis li ma tkunx inżammet konformità mal-Artikoli 2 u 3 u l-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u l-Annessi msemmija fihom."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għad-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni aċċettati wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/56/KE

## tat-12 ta' Ġunju 2009

## li tikkoreġi d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/126/KE li temenda d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, fir-rigward tad-data tat-traspożizzjoni tagħha

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 20 (1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/126/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti teknici għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ([2]), l-Istati Membri għandhom jittrasponu d-Direttiva 2008/126/KE b'effett mit-30 ta' Diċembru 2008.

(2) Għal raġunijiet tekniċi, id-Direttiva 2008/126/KE ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* qabel dik id-data. Id-Direttiva 2008/126/KE għalhekk għandha tkun ikkoreġuta fir-rigward tad-data tat-traspożizzjoni tagħha.

(3) Sabiex jiġu evitat tgħawwiġ tal-kompetizzjoni kif ukoll livelli differenti ta' sikurezza, l-emendi għad-Direttiva 2006/87/KE għandhom ikunu implimentati mill-aktar fis. Wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva 2008/126/KE fil-31 ta' Jannar 2009, madankollu għandha tingħata data tal-għeluq raġonevoli għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva.

(4) Il-miżura prevista f'din id-Direttiva hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/126/KE, it-"30 ta' Diċembru 2008" tinbidel bit-"30 ta' Ġunju 2009".

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom passaġġi tal-ilma interni bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2009

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċi President*

([1]) ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 32, 31.1.2009, p. 1.

([3]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Mejju 2009

## li tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija

(2009/458/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 119 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Is-swieq finanzjarji u tal-kapital Rumeni dan l-aħħar sabu ruħhom taħt pressjoni, u dan jirrifletti t-tnaqqis ekonomiku globali kif ukoll it-tħassib dejjem jikber dwar l-ekonomija Rumena, meta jitqiesu l-iżbilanċ estern wiesa' tagħha, u l-iżbilanċ pubbliku li qed jiżdied malajr. Il-pressjonijiet fuq ir-rata tal-kambju żdiedu wkoll u jimplikaw riskju għall-istabbiltà tas-settur bankarju f'sens usa'.

(2) Bi tweġiba, il-gvern u l-Bank Nazzjonali tar-Rumanija (NBR) żviluppaw strateġija komprensiva biex jankraw fis-sod il-politiki makroekonomiċi u jnaqqsu l-pressjoni fuq is-suq finanzjarju u spjegaw din l-istrateġija f'ittra ta' intenzjoni li rċeviet il-Kummissjoni nhar is-27 ta' April 2009. Element fundamentali tal-programm ekonomiku huwa t-tnaqqis tal-iżbilanċ fiskali minn 5,4 % tal-PGD fl-2008 għal 5,1 % tal-PGD fl-2009 u għal taħt it-3 % tal-PGD sal-2011. Biex ikun hemm kisba sostenibbli tal-iżbilanċi baġitarji aktar baxxi, se jittieħdu miżuri biex itejbu l-istrateġija u l-proċess baġitarji. Dan il-programm ekonomiku u b'mod partikolari l-miri fiskali se jiġu riflessi fil-baġit tal-Gvern kif ukoll fil-programm ta' konverġenza.

(3) Il-Kunsill qed jirrevedi fuq bażi regolari l-linji politiċi ekonomiċi implimentati mir-Rumanija, b'mod partikolari fil-kuntest tar-reviżjonijiet annwali tal-aġġornament tar-Rumanija tal-programm ta' konverġenza u l-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll ir-reviżjoni regolari tal-progress magħmul mir-Rumanija fil-kuntest tar-Rapport ta' Konverġenza u tar-Rapport ta' Progress Annwali.

(4) l-finanzjament estern mistenni li jibqa' taħt pressjoni sinifikanti billi l-iżbilanċ tal-kont kurrenti persistenti, għalkemm qed jonqos, flimkien mal-ħtieġa li jiġġeddu ammonti konsiderevoli ta' dejn iddenominat f'munita barranija, fuq medda qasira u fuq medda itwal ta' żmien, x'aktarx ma jkunux koperti b'mod sħiħ mill-Investiment Barrani Dirett (IBD) u flussi oħra ta' kont kapitali u ta' operazzjonijiet finanzjarji fl-2009-2011. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament estern huma stmati għal madwar EUR 20 biljun fil-perjodu sal-ewwel kwart tal-2011. Huwa preżunt li l-banek barranin se jġeddu 100 % tal-krediti tagħhom lejn ir-Rumanija ladarba tingħata l-għajnuna reċiproka, b'konformità mal-impenn meħtieġ tal-banek barranin ewlenin li jżommu l-espożizzjoni tagħhom għar-Rumanija (kif ikkonfermat fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom tas-26 ta' Marzu 2009), filwaqt li r-rata ta' tiġdid għal dejn estern tal-intrapriżi għall-istituzzjonijiet prinċipali u għal dejn estern ta' banek Rumeni mistennija tkun 50 % fl-2009. Għall-2010 u l-2011, hu preżunt li l-obbligi barranin kollha li jkunu se jiskadu se jiġġeddu għal 100 % f'konformità mal-istabbilizzazzjoni mistennija tas-suq finanzjarju u mal-bidu tal-irkupru fis-swieq kbar tal-esportazzjoni tar-Rumanija. Minbarra l-għan tar-riżervi tal-kambju estern għolja biżżejjed (ta' aktar minn 100 % tad-dejn estern residwu fuq medda qasira ta' żmien) saru suppożizzjonijiet konservattivi dwar ħruġ ieħor ta' kapital bħal ħruġ ta' depożiti ta' dawk mhux residenti, tnaqqis fil-krediti kummerċjali kif ukoll ħruġ ta' portafoll biex jiġu inkorporati protezzjonijiet addizzjonali fil-kalkoli.

(5) L-awtoritajiet tar-Rumanija talbu għajnuna finanzjarja sostanzjali lill-UE u lil istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra biex jappoġġjaw is-sostenibbiltà tal-bilanċ tal-ħlasijiet u biex iġibu r-riżervi tal-valuti internazzjonali f'livell prudenti.

(6) Teżisti theddida serja għall-bilanċ tal-ħlasijiet tar-Rumanija li tiġġustifika l-għoti urġenti ta' għajnuna reċiproka mill-Komunità. Barra minn hekk, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, huwa imperattiv li tiġi mogħtija eċċezzjoni għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu I(3) tal-Protokoll dwar l-irwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komunità għandha tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. TOŠOVSKÝ

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tas-6 ta' Mejju 2009**

**li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien**

(2009/459/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002, li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament ([1]) tal-Istati Membri, u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF),

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2009/458/KE ([2]) il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħata għajnuna reċiproka lir-Rumanija.

(2) Minkejja t-titjib mistenni fil-kont kurrenti, il-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tar-Rumanija fil-perjodu sal-ewwel kwart tal-2011 huma stmati mill-Kummissjoni, mill-Fond Monetarju Ineternazzjonali (FMI) u mill-awtoritajiet tar-Rumanija għal EUR 20 biljun f'Marzu 2009; fid-dawl tal-iżviluppi riċenti fis-swieq finanzjarji, il-kont finanzjarju u tal-kapital jista' jiddeterjora sostanzjalment.

(3) Jixraq li tingħata għajnuna Komunitarja lir-Rumanija ta' massimu ta' EUR 5 biljun skont il-Faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Istati Membri stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 332/2002. L-għajnuna għandha tingħata flimkien ma' self mill-FMI ta' SDR 11,443 biljun (madwar EUR 12,95 biljun) taħt arranġament stand-by li mistenni jiġi approvat fis-6 ta' Mejju 2009. Il-Bank Dinji qabel ukoll li jipprovdi self lir-Rumanija ta' EUR 1 biljun u l-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżviluipp (BERŻ) se jipprovdu total ta' EUR 1 biljun ta' appoġġ addizzjonali.

(4) L-għajnuna Komunitarja għandha tiġi mmaniġġjata mill-Kummissjoni. Il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-politika ekonomika miftiehma mal-awtoritajiet tar-Rumanija wara konsultazzjoni mal-KEF għadhom ikunu stipulati f'Memorandum ta' Ftehim. It-termini finanzjarji dettaljati għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Ftehim dwar is-Self.

(5) Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika marbutin mal-għajnuna jiġu sodisfatti permezz ta' missjonijiet u rappurtar regolari mill-awtoritajiet tar-Rumanija.

(6) Matul l-implimentazzjoni tal-programm, il-Kummissjoni se tipprovdi konsulenza politika addizzjonali kif ukoll għajnuna teknika f'oqsma speċifiċi.

(7) Mingħajr ħsara għall-Artikolu 27 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha d-dritt li tagħmel kull kontroll jew verifika finanzjarja li hija tqis neċessarja fir-rigward tal-immaniġġjar ta' din l-għajnuna. Il-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, għandha d-dritt tibgħat l-uffiċjali tagħha jew rappreżentanti debitament awtorizzati biex iwettqu kontrolli jew verifiki tekniċi jew finanzjarji li tqis neċessarji fir-rigward tal-immaniġġjar tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja fuq medda medja ta' żmien.

(8) Indipendentement mit-tul u mill-qafas tal-programm ta' għajnuna, il-Kummissjoni sejra wkoll, bl-appikazzjoni tal-proċeduri eżistenti rilevanti, inkluż il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika, tkompli timmonitorja l-progress fl-oqsma li jikkontrigwixxu għall-infiq pubbliku trasparenti u effettiv, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali sabiex jiff'ċilitaw lir-Rumanija sabiex tirrinforza l-impatt tal-għajnuna Komunitarja.

(9) L-għajnuna għandha tingħata bil-ħsieb li tiġi appoġġjata s-sostenibbiltà tal-bilanċ tal-ħlasijiet fir-Rumanija u, b'dan il-mod, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tajba tal-programm ta' politika ekonomika tal-Gvern,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Komunità għandha tagħmel disponibbli self fuq medda medja ta' żmien lir-Rumanija li jammonta għal massimu ta' EUR 5 biljun, b'maturità medja massima ta' seba' snin.

2. L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha tkun disponibbli għal tliet snin, li jibdew mill-ewwel jum wara d-data meta din id-Deċiżjoni ssir effettiva.

([1]) ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.
([2]) Ara paġna 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

1. L-għajnuna għandha titmexxa mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-impenji tar-Rumanija u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll il-programm ta' konverġenza.

2. Il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tar-Rumanija, wara li tikkonsulta l-KEF, dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika marbutin mal-għajnuna finanzjarja, kif stipulat fl-Artikolu 3(5). Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu stipulati f'Memorandum ta' Ftehim konsistenti mal-impenji u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. It-termini finanzjarji dettaljati għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Ftehim dwar is-Self.

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari, f'kollaborazzjoni mal-KEF, li l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika marbutin mal-għajnuna, jiġu sodisfatti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tar-Rumanija għandhom ipoġġu kull tagħrif meħtieġ għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u jikkooperaw bis-sħiħ magħha. Il-KEF għandu jinżamm mgħarraf mill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' rifinanzjament tas-self jew ir-ristrutturar tal-kundizzjonijiet finanzjarji.

4. Ir-Rumanija għandha tkun lesta tadotta u timplimenta miżuri addizzjonali ta' konsolidament biex tassigura l-istabbiltà makrofinanzjarja, jekk ikun il-każ li dawn il-miżuri jkunu neċessarji matul il-programm ta' għajnuna. L-awtoritajiet tar-Rumanija għandhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni qabel jadottaw xi miżuri addizzjonali bħal dawn.

*Artikolu 3*

1. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lir-Rumanija f'mhux iktar minn ħames ħlasijiet li d-daqs tagħhom għandu jiġi stipulat fil-Memorandum ta' Ftehim.

2. L-ewwel ħlas għandu jiġi rilaxxat suġġett għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Self u l-Memorandum ta' Ftehim.

3. Jekk ikun meħtieġ sabiex jiġi ffinanzjat is-self, l-użu prudenti ta' skambji tar-rata tal-interess ma' kontropartijiet tal-ogħla kwalità ta' kreditu, għandu jkun permess.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx ta' iktar ħlasijiet wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-KEF.

5. Ir-rilaxx ta' kull ħlas sussegwenti għandu jsir fuq il-bażi ta' implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku l-ġdid tal-Gvern tar-Rumanija inkluż fil-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija, fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma u, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim. Dawn għandhom jinkludu, *inter alia*,

(a) l-adozzjoni ta' programm fiskali ppjanat sewwa fuq medda medja ta' żmien imfassal biex inaqqas, sal-2011, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern għal mhux aktar mil-livell ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PGD;

(b) l-adozzjoni u t-twettiq ta' baġit emendat għall-2009 (sat-tieni kwart tal-2009), li jimmira lejn żbilanċ ġenerali tal-gvern ta' mhux aktar minn 5,1 % tal-PGD fit-termini tal-ESA 95;

(c) it-tnaqqis fin-nefqa fuq il-pagi fis-settur pubbliku f'termini nominali meta mqabbla mar-riżultat tal-2008 billi jitneħħew iż-żidiet fil-pagi tas-settur pubbliku (li jammontaw għal 5 % f'termini nominali) ippjanati għall-2009 (jew tnaqqis ulterjuri ekwivalenti fl-impjiegi) u billi jitnaqqsu l-impjiegi fis-settur pubbliku, inkluż billi jiġi sostitwit wieħed biss minn kull seba' impjegati li jitilqu;

(d) restrizzjonijiet addizzjonali fl-infiq fuq oġġetti u servizzi u f'sussidji għall-impriżi pubbliċi;

(e) it-titjib tal-immaniġġjar baġitarju bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' qafas fiskali vinkolanti fuq medda medja ta' żmien, u billi jiġu stabbiliti limiti fuq reviżjonijiet tal-baġit matul is-sena, inklużi r-regoli fiskali u jinħoloq kunsill fiskali li jipprovdi skrutinju indipendenti u espert;

(f) ir-riforma tas-sistema ta' kumpens tas-settur pubbliku, inkluż billi jingħaqdu u jiġu simplifikati l-iskali tal-pagi u tiġi rriformata s-sistema tal-bonusijiet;

(g) ir-riforma ta' parametri ewlenin tas-sistema tal-pensjonijiet permezz ta' tqarrib lejn l-indiċjar tal-pensjonijiet fuq il-prezzijiet tal-konsumatur, minflok il-pagi, filwaqt li l-età tal-irtirar tkun aġġustata b'mod gradwali lil hinn mill-ftehim ippjanat, speċjalment għan-nisa, u l-parteċipazzjoni progressiva għall-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni ta' gruppi ta' impjegati pubbliċi li bħalissa jinsabu esklużi minn dawn il-kontribuzzjonijiet;

(h) jiġu emendati l-liġijiet bankarji u dawk dwar il-likwidazzjoni biex ikunu jistgħu jwieġbu b'mod effettiv u f'waqtu fil-każ ta' bank fil-periklu. Għan ewlieni tal-emendi se jkun li jissaħħu s-setgħat tal-amministraturi tal-banek imqiegħda taħt amministrazzjoni speċjali. Lil hinn mir-riżoluzzjoni tal-bank, is-setgħat ta' rimedju tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija (NBR) għandhom jissaħħu permezz ta' dispożizzjonijiet li jippermettulu li jitlob li l-azzjonisti l-kbar iżidu l-kapital tal-ishma tagħhom u jappoġġjaw il-bank finanzjarjament. Is-sorveljanza finanzjarja se tkun imsaħħa b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, se jiġu introdotti aktar rekwiżiti ta' rappurtar dettaljat dwar il-likwiditàUkoll, proċeduri għall-attivazzjoni tal-assigurazzjoni tad-depożiti għandhom jiġu modifikati biex jissimplifikaw u jaċċelleraw il-pagamenti. Skont il-leġiżlazzjoni modifikata, l-assigurazzjoni tad-depożiti se tiġi attivata fuq deċiżjoni tal-NBR fi żmien 21 jum. Fl-aħħar nett, biex jiġi garantit forniment biżżejjed ta' likwidità, l-NBR hu impenjat li jwessa' l-firxa ta' assi aċċettabbli bħala kollaterali. B'konsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi partikolari, il-livell minimu regolatorju tal-proporzjon ta' adegwatezza tal-kapital għandu jiżdied minn 8 % għal 10 % fi żmien xieraq;

(i) il-miżuri ta' riforma strutturali fl-oqsma tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi maħruġa fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Liżbona. Dawn se jinkludu miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika, isaħħu l-kwalità tan-nefqa pubblika, l-użu tajjeb u l-assorbiment akbar tal-fondi tal-UE, inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, fiskali u legali fuq in-negozju u jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat, u b'hekk iwessgħu l-bażi fiskali.

6. Biex tassigura l-implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-kundizzjonalità tal-programm u biex taġġusta l-iżbilanċi b'mod sostenibbli, il-Kummissjoni se tipprovdi pariri u gwida kontinwi dwar ir-riformi fiskali, finanzjarji u strutturali.

7. Ir-Rumanija għandha tiftaħ kont speċjali mal-NBR għall-immaniġġjar tal-għajnuna Komunitarja fuq medda medja ta' żmien.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. TOŠOVSKÝ

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-5 ta' Ġunju 2009**

**dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4246)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/460/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea dwar il-metodi komuni ta' sikurezza għall-kalkolu, il-valutazzjoni u l-infurzar li għandhom jintużaw fil-qafas tal-ewwel sett ta' miri tas-sikurezza komuni, imressqa quddiem il-Kummissjoni fid-29 ta' April 2008,

Billi:

(1) Skont id-Direttiva 2004/49/KE, il-miri komuni tas-sikurezza ("CSTs") u l-metodi komuni tas-sikurezza ("CSMs") għandhom jiddaħħlu gradwalment sabiex ikun żgurat li jinżamm livell għoli ta' sikurezza u, meta u fejn meħtieġ u jkun raġonevolment prattikabbli, jittejbu.

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/49/KE, il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta s-CSMs. Dawn għandhom jiddeskrivu, fost l-oħrajn, u skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2004/49/KE, kif inhuma vvalutati l-livelli ta' sikurezza u l-ilħiq tas-CSTs.

(3) Sabiex ikun żgurat li l-prestazzjoni attwali tas-sikurezza tas-sistema ferrovjarja mhijiex imnaqqsa fi kwalunkwe Stat Membru, għandu jiġi introdott l-ewwel sett tas-CSTs. Dan għandu jkun ibbażat fuq l-eżami tal-miri eżistenti u l-prestazzjoni tas-sikurezza tas-sistemi ferrovjarji fl-Istati Membri.

(4) Barra minn hekk, sabiex tinżamm il-prestazzjoni attwali tas-sikurezza tas-sistema ferrovjarja, hija meħtieġa, f'termini ta' kriterji ta' aċċettazzjoni tar-riskji, armonizzazzjoni tal-livelli tas-sikurezza tas-sistemi ferrovjarji nazzjonali kollha. Għandu jitwettaq monitoraġġ tal-konformità mal-livelli tas-sikurezza fl-Istati Membri differenti.

(5) Sabiex ikun stabbilit l-ewwel sett tas-CSTs f'konformità mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2004/49/KE, hemm il-ħtieġa li l-prestazzjoni attwali tas-sikurezza tas-sistemi ferrovjarji fl-Istati Membri tiġi identifikata b'mod kwantitattiv bl-użu ta' valuri nazzjonali ta' referenza ("NRVs"), li għandhom jiġu kkalkulati u użati mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ("l-Aġenzija") u l-Kummissjoni. Dawn l-NRVs għandhom jiġu kkalkulati biss fl-2009, bil-għan li jiġi żviluppat l-ewwel sett ta' CSTs, u fl-2011, bil-għan li jiġi żviluppat it-tieni sett ta' CSTs.

(6) Sabiex tkun żgurata l-konsistenza tal-NRVs u sabiex ikun evitat piż żejjed, is-sistemi ferrovjarji ħfief, in-networks li jiffunzjonaw b'mod separat, l-infrastrutturi ferrovjarji li huma ta' proprjetà privata u jintużaw biss mis-sid, u l-linji ferrovjarji ta' patrimonju, mużewijiet u turisti għandhom ikunu eżentati minn din id-Deċiżjoni.

(7) Minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni u dejta li wieħed jista' joqgħod fuqha dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza ta' partijiet mis-sistema ferrovjarja msemmija fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2004/49/KE, ġie aċċertat li l-iżvilupp tal-ewwel sett tas-CSTs, espress skont il-kriterji ta' aċċettazzjoni tar-riskji għal kategoriji speċifiċi ta' individwi u għas-soċjetà inġenerali, attwalment jista' biss jiġi attwat għas-sistema ferrovjarja fl-intier tagħha u mhux għall-partijiet tagħha.

([1]) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.

(8) Wara l-armonizzazzjoni progressiva tad-dejta nazzjonali tal-istatistika dwar l-inċidenti u l-konsegwenzi relatati magħhom, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija [1] u d-Direttiva 2004/49/KE, l-iżvilupp ta' metodi komuni għall-monitoraġġ u li għandhom fil-mira tagħhom il-prestazzjoni tas-sikurezza tas-sistemi ferrovjarji fl-Istati Membri għandhom iqisu l-inċertezzi tal-istatistika u l-ħtieġa ta' element ta' ġudizzju meta jiġi deċiż jekk il-prestazzjoni tas-sikurezza ta' Stat Membru hijiex qiegħda tinżamm.

(9) Sabiex ikun hemm paragun ġust u trasparenti tal-prestazzjoni ferrovjarja tas-sikurezza fost l-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-valutazzjonijiet tagħhom fuq il-bażi ta' approċċ komuni sabiex ikunu identifikati l-miri tas-sikurezza tas-sistema ferrovjarja u sabiex tintwera l-konformità magħhom.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit f'konformità mal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/49/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi metodu komuni ta' sikurezza li għandu jintuża mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") sabiex tikkalkula u tivvaluta l-ilħiq tal-miri komuni tas-sikurezza ("CSTs"), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/49/KE.

*L-Artikolu 2*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għas-sistema ferrovjarja kollha f'kull wieħed mill-Istati Membri. Madankollu ma għandhiex tapplika għal:

(a) metros, trammijiet u sistemi ferrovjarji ħfief oħra;

(b) netwerks li fil-funzjoni tagħhom huma separati mill-bqija tas-sistema ferrovjarja u li huma maħsuba biss għall-operat ta' servizzi tal-passiġġieri lokali, urbani jew sottourbani, kif ukoll impriżi ferrovjarji li joperaw biss fuq dawn in-netwerks;

(c) infrastruttura ferrovjarja li hija ta' proprjetà privata li teżisti biss għall-użu mis-sid tal-infrastruttura għall-operazzjonijiet ta' ġarr tal-merkanzija tiegħu stess;

(d) vetturi ta' patrimonju li joperaw fin-netwerks nazzjonali sakemm dawn jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti nazzjonali tas-sikurezza bil-ħsieb li jiżguraw iċ-ċirkolazzjoni sikura ta' dawn il-vetturi;

(e) ferroviji ta' patrimonju, mużewijiet u turisti li joperaw fin-netwerk tagħhom stess inklużi l-garaxxijiet ta' manutenzjoni, il-vetturi u l-persunal.

*L-Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva 2004/49/KE u r-Regolament (KE) Nru 91/2003.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "il-valur nazzjonali ta" referenza (NRV)' tfisser kejl ta' referenza li jindika l-livell massimu ttollerat għal kategorija ta' riskju ferrovjarju, għall-Istat Membru konċernat;

(b) "il-kategorija tar-riskju" tfisser waħda mill-kategoriji ta' riskju ferrovjarju speċifikati bl-Artikolu 7(4)(a) u (b) tad-Direttiva 2004/49/KE;

(c) "il-pjan tat-titjib tas-sikurezza" tfisser l-iskeda sabiex tiġi implimentata l-istruttura tal-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet, il-proċeduri, l-attivitajiet, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa sabiex jitnaqqas ir-riskju għal kategorija tar-riskju waħda jew iktar;

(d) "il-fatalitajiet u feriti serji ppeżati (FWSIs)" tfisser kejl tal-konsegwenzi tal-inċidenti sinifikanti li jgħaqqdu flimkien il-fatalitajiet u feriti serji, fejn ferita waħda serja titqies statistikament ekwivalenti għal 0.1 tal-fatalitajiet;

(e) "l-utenti ta" intersezzjoni fuq l-istess livell' tfisser il-persuni kollha li jużaw intersezzjoni fuq l-istess livell sabiex jaqsmu l-linja ferrovjarja bi kwalunkwe mezz ta' trasport jew bil-mixi;

(f) "il-persunal" jew "l-impjegati li jinkludu l-persunal tal-kuntratturi" tfisser kwalunkwe persuna li l-ħidma tagħha hija relatata mal-linji ferrovjarji u li tkun ix-xogħol fil-mument tal-inċident; tinkludi l-ekwipaġġ tal-ferrovija u l-persuni li jieħdu ħsieb il-vetturi ferrovjarji u l-installazzjonijiet tal-infrastruttura;

(g) "il-persuni mhux awtorizzati fuq l-installazjonijiet ferrovjarji" tfisser kwalunkwe persuna preżenti fuq l-installazzjonijiet ferrovjarji fejn preżenza bħal din mhijiex permessa, bl-eċċezzjoni tal-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell;

(h) "l-oħrajn (il-partijiet terzi)" tfisser il-persuni kollha li mhumiex iddefiniti bħala "passiġġieri", "il-ħaddiema inkluż il-persunal tal-kuntratturi", "l-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell" jew "il-persuni mhux awtorizzati li jkunu fuq l-installazzjonijiet ferrovjarji";

[1] ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1.

(i) "riskju għas-soċjetà kollha" tfisser ir-riskju kollettiv għall-kategoriji kollha tal-persuni elenkati fl-Artikolu 7(4)(a) tad-Direttiva 2004/49/KE;

(j) "km ta' ferrovija tal-passiġġieri" tfisser l-unità tal-kejl li tirrappreżenta l-moviment ta' ferrovija tal-passiġġieri fuq kilometru; għandha titqies biss id-distanza fit-territorju nazzjonali tal-pajjiż li qed jirrapporta;

(k) "km tal-linja ferrovjarja" tfisser it-tul imkejjel f'kilometri tan-netwerk ferrovjarju fl-Istati Membri fejn għandha tingħadd kull linja ferrovjarja ta' linja tal-ferroviji b'linji ferrovjarji multipli.

*L-Artikolu 4*

**Metodoloġiji tal-kalkolu tal-NRVs u s-CSTs u tal-valutazzjoni tal-ilħiq tagħhom**

1. Il-metodoloġija deskritta fl-Anness għandha tapplika għall-kalkolu u l-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs u s-CSTs.

2. L-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni l-NRVs ikkalkulati skont it-taqsima 2.1 tal-Anness u s-CSTs idderivati mill-NRVs, skont il-metodoloġija stipulata fit-taqsima 2.2 tal-Anness. Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-NRVs u s-CSTs, l-Aġenzija għandha tivvaluta t-twettiq tagħhom mill-Istati Membri f'konformità mal-Kapitolu 3 tal-Anness.

3. Il-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji stmati tas-CSTs imsemmija fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2004/49/KE għandha tkunu limitata għal dawk l-Istati Membri li l-NRVs tagħhom, għal kwalunkwe kategorija tar-riskju, jinstabu aktar għolja mis-CSTs korrispondenti.

*L-Artikolu 5*

**Azzjonijiet ta' infurzar**

Skont ir-riżultati finali differenti tal-valutazzjoni tal-ilħiq, msemmija fil-punt 3.1.5 tal-Anness, għandhom jittieħdu l-azzjonijiet ta' infurzar li ġejjin:

(a) fil-każ ta' "deterjorament possibbli tal-prestazzjoni tas-sikurezza": l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni fejn jispjegaw ir-raġunijiet possibbli għar-riżultati miksuba;

(b) fil-każ ta' "deterjorament probabbli tal-prestazzjoni tas-sikurezza": l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni fejn jispjegaw ir-raġunijiet probabbli għar-riżultati miksuba u jissottomettu, jekk xieraq, pjan ta' titjib tas-sikurezza.

Sabiex ikun hemm evalwazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni u evidenza pprovduta mill-Istati Membri skont il-proċess imsemmi fil-punti (a) u (b), il-Kummissjoni tista' titlob lill-Aġenzija tipprovdi opinjonijiet tekniċi.

*L-Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċi President*

*ANNESS*

## 1. Is-sorsi tal-istatistika u l-unitajiet tal-kejl għall-kalkolu tal-NRVs u s-CSTs

### 1.1. *Is-sorsi tal-istatistika*

1.1.1. L-NRVs u s-CSTs għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi tad-dejta tal-inċidenti ferrovjarji u l-konsegwenzi relatati magħhom, irrappurtati skont l-Anness H tar-Regolament (KE) Nru 91/2003 u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5, 18 u l-Anness I tad-Direttiva 2004/49/KE.

1.1.2. Fi ħdan il-qafas li jiddetermina l-ewwel sett tas-CSTs, fil-każ ta' inkonsistenzi bejn id-dejta li ġejja miż-żewġ sorsi msemmija fil-punt 1.1.1, id-dejta rrappurtata skont l-Anness H tar-Regolament (KE) Nru 91/2003 għandha tieħu preċedenza.

1.1.3. Is-serje taż-żmien tad-dejta li se tintuża sabiex jiġu attribwiti l-valuri lill-NRVs u s-CSTs għandha tinkludi l-erba' snin irrappurtati l-aktar riċenti. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2011 l-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni l-adozzjoni tal-valuri aġġornati għall-NRVs u s-CSTs, ikkalkulati mid-dejta tas-sitt snin irrapurtati l-aktar riċenti.

### 1.2. *L-unitajiet tal-kejl għall-NRVs*

1.2.1. L-unitajiet tal-kejl għall-NRVs għandhom ikunu espressi f'konformità mad-definizzjoni matematika tar-riskju. Il-konsegwenzi tal-inċidenti li għandhom jitqiesu għal kull waħda mill-kategoriji huma l-FWSIs.

1.2.2. L-unitajiet tal-kejl li għandhom jintużaw sabiex jiġu kkwantifikati l-NRVs għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju huma stipulati fl-Appendiċi 1 u jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-prinċipji u d-definizzjonijiet imsemmija fil-punt 1.2.1 u, fejn huwa rilevanti, fil-punt 1.2.3. L-unitajiet tal-kejl jinkludu l-bażijiet ta' gradazzjoni elenkati fl-Appendiċi 1, għan-normalizzazzjoni tal-NRVs.

1.2.3. Għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju "passiġġieri" u "l-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell" għandhom jiġu applikati żewġ NRVs differenti, espressi fiż-żewġ unitajiet ta' kejl differenti msemmija fl-Appendiċi 1. Għall-għanijiet tal-valutazzjoni tat-twettiq tal-iskopijiet imsemmija fil-Kapitolu 3, għandha titqies suffiċjenti l-konformità ma' tal-anqas wieħed minn dawn l-NRVs.

### 1.3. *L-unitajiet tal-kejl għas-CSTs*

1.3.1. L-unitajiet tal-kejl li għandhom jintużaw sabiex jikkwantifikaw is-CSTs għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju għandhom ikunu l-istess bħal dawk deskritti għall-NRVs fit-taqsima 1.2.

## 2. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-NRVs u d-derivazzjoni tas-CSTs

### 2.1. *Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-NRVs*

2.1.1. Għal kull Stat Membru u għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju l-NRV għandu jiġi kkalkulat bl-applikazzjoni tal-proċess li ġej f'ordni ta' sekwenza:

(a) il-kalkolu tal-valuri li rriżultaw bl-unitajiet tal-kejl korrispondenti elenkati fl-Appendiċi 1, billi titqies id-dejta u d-dispożizzjonijiet imsemmija fit-taqsima 1.1;

(b) analiżi tar-riżultati tal-proċess deskritt fil-punt (a), sabiex isiru l-kontrolli tal-preżenza u r-rikorrenza tal-valuri żero għall-FWSIs fil-prestazzjonijiet ta' sikurezza osservati għas-snin konċernati;

(c) jekk il-valuri żero msemmija fil-punt (b) mhumiex aktar minn tnejn, isir il-kalkolu mill-medja kkoreġuta tal-valuri msemmija fil-punt (a), kif deskritt fit-taqsima 2.3, u l-valur irritornat huwa meħud bħala l-NRV;

(d) jekk il-valuri żero msemmija fil-punt (b) huma aktar minn tnejn, l-Aġenzija għandha tattribwixxi lill-NRV valur diskrezzjonali li għandu jiġi identifikat b'konsultazzjoni mal-Istat Membru konċernat.

### 2.2. *Il-metodoloġija għad-derivazzjoni tas-CSTs mill-NRVs*

2.2.1. Għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju, ladarba jiġi kkalkulat l-NRV għal kull Stat Membru skont il-proċedura stipulata fit-taqsima 2.1, is-CST korrispondenti għandu jingħata valur li jkun ekwivalenti għall-valur l-iktar baxx:

(a) mill-valur tal-NRV li huwa l-ogħla fost l-Istati Membri;

(b) mill-valur li jkun daqs għaxar darbiet il-valur medju Ewropew tar-riskju li għalih jirreferi l-NRV li jkun ġie kkunsidrat..

2.2.2. Il-medja Ewropea msemmija fil-punt 2.2.1(b) għandha tiġi kkalkulata bil-kumulazzjoni tad-dejta rilevanti għall-Istati Membri kollha u bl-użu tal-unitajiet tal-kejl korrispondenti elenkati fl-Appendiċi 1, kif ukoll il-medja kkoreġuta deskritta fit-taqsima 2.3.

2.3. *Il-proċess tal-medja kkoreġuta għall-kalkolu tal-NRVs*

2.3.1. Għal kull Stat Membru u għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju li għalihom tista' tiġi applikata l-medja kkoreġuta skont il-punt 2.1.1(c), għandhom jiġu applikati l-passi li ġejjin għall-kalkolu, matul is-sena Y (fejn Y = 2009 u 2011), tal-$NRV_Y$:

(a) il-kalkolu tal-osservazzjonijiet annwali $OBS_i$ (fejn *i* hija s-sena tal-osservazzjoni li tkun ikkunsidrata) li jirriżultaw bl-unitajiet tal-kejl korrispondenti elenkati fl-Appendiċi 1, wara l-provvediment bħala input tad-dejta għas-snin *n* irrappurtati l-iżjed riċenti kif imsemmija fil-punt 2.1.1(a) [inizjalment $n = 4$; mill-2011 'il quddiem $n = 6$].

(b) il-kalkolu tal-medja aritmetika tas-sena *n* (*AV*) tal-osservazzjonijiet annwali $OBS_i$;

(c) il-kalkolu tal-valur assolut tad-differenza $ABSDIFF_i$ bejn kull osservazzjoni annwali $OBS_i$ u l-*AV*. Jekk $ABSDIFF_i < 0.01 * AV$, lill-$ABSDIFF_i$ jiġi attribwit valur kostanti li jkun ekwivalenti għal $0.01 * AV$;

(d) il-kalkolu tal-piż ($W_i$) għal kull sena unika *i*, billi jittieħed l-invers tal-$ABSDIFF_i$;

(e) il-kalkolu tal-NRVY fil-forma ta' medja kkoreġuta, kif ġej:

$$NRV_Y = \frac{\sum_{i=x}^{N} W_i \times OBS_i}{\sum_{i=x}^{N} W_i};$$

fejn *i* huwa numru naturali u $\begin{cases} if\ Y = 2009:\ x = Y - 5;\ N = Y - 2 \\ if\ Y = 2011:\ x = Y - 7;\ N = Y - 2 \end{cases}$

3. **Mudell ta' qafas għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs u s-CSTs**

3.1. *Il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs u s-CSTs*

3.1.1. Il-prinċipji li ġejjin għandhom japplikaw għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs u s-CSTs:

(a) għal kull Stat Membru u għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju fejn l-NRV rispettiva tagħha hija daqs is-CST korrispondenti jew inqas minnha, l-ilħiq tal-NRV għandu jimplika wkoll awtomatikament l-ilħiq tas-CST. Il-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRV għandha ssir skont il-proċedura deskritta fit-taqsima 3.2 u l-NRV għandha tirrappreżenta l-livell massimu ttolerat tar-riskju li tkun qed tirreferi għalih, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-firxa ta' tolleranza stipulata fil-punt 3.2.3;

(b) għal kull Stat Membru u għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju fejn l-NRV rispettiva tagħha hija iktar mis-CST korrispondenti, is-CST għandha tirrappreżenta l-livell massimu ttolerat tar-riskju li tkun qed tirreferi għalih. Il-valutazzjoni tal-ilħiq tas-CST għandha ssir f'konformità mal-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-impatt u, fejn japplika, l-iskeda għall-implimentazzjoni gradwali tas-CST, skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2004/49/KE.

3.1.2. Għal kull Stat Membru, u għal kull kategorija tar-riskju, il-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRV u s-CST għandha ssir kull sena mill-Aġenzija, u għandha tqis l-erba' snin preċedenti rrappurtati l-aktar riċenti.

3.1.3. Kull sena, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu l-Aġenzija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati globali tal-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs u s-CSTs.

3.1.4. Skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 1.1.3, mill-2012 'il quddiem il-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs u s-CSTs għandha ssir kull sena mill-Aġenzija u għandhom jitqiesu l-ħames snin preċendenti rrappurtati l-aktar riċenti.

3.1.5. Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-ilħiq tal-iskopijiet imsemmija fil-punt 3.1.1 għandu jiġi kklassifikat kif ġej:

(a) prestazzjoni aċċettabli tas-sikurezza;

(b) deterjorament possibbli tal-prestazzjoni tas-sikurezza;

(c) deterjorament probabbli tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

3.2. *Deskrizzjoni fi stadji tal-proċedura msemmija fil-punt 3.1.1(a)*

3.2.1. Il-proċedura għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-NRVs hija magħmula minn erba' stadji differenti kif deskritt fil-punti li ġejjin. Id-dijagramma sekwenzjali globali tal-proċedura tidher fl-Appendiċi 2, fejn il-vleġeġ pożittivi u negattivi li jwasslu għal deċiżjoni jikkorrispondu rispettivament ma' riżultat li "għadda" jew "weħel" mill-istadji differenti tal-valutazzjoni.

3.2.2. L-ewwel stadju tal-valutazzjoni għandu jivverifika jekk il-prestazzjoni tas-sikurezza osservata hijiex konformi mal-NRV jew le. Il-prestazzjoni tas-sikurezza osservata għandha tkun imkejla bl-użu tal-unitajiet tal-kejl elenkati fl-Appendiċi 1 u d-dejta li hemm referenza għaliha fit-taqsima 1.1, bis-serje taż-żmien li għandha tinkludi l-iżjed snin riċenti ta' osservazzjoni kif speċifikat fit-taqsima 3.1. Il-prestazzjoni tas-sikurezza osservata għandha tiġi espressa f'termini ta':

(a) prestazzjoni osservata tas-sikurezza fis-sena unika rrappurtata l-iktar riċenti,

(b) il-medja mobbli kkoreġuta (MWA), kif speċifikat fit-taqsima 3.3.

Il-valuri li jirriżultaw bl-applikazzjoni tal-punti (a) u (b) imbagħad għandhom jitqabblu mal-NRV, u jekk wieħed minn dawn il-valuri ma jaqbiżx l-NRV il-prestazzjoni tas-sikurezza titqies aċċetabbli. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-proċedura għandha tgħaddi għat-tieni stadju ta' valutazzjoni.

3.2.3. It-tieni stadju ta' valutazzjoni għandu jqis il-prestazzjoni tas-sikurezza bħala waħda aċċetabbli jekk l-MWA ma jaqbiżx l-NRV u firxa ta' tolleranza ta' 20 %. Jekk din il-kundizzjoni ma tiġix milħuqa, l-Aġenzija għandha titlob lill-awtorità tas-sikurezza tal-Istat Membru konċernat sabiex tipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet tal-inċident uniku bl-ogħla konsegwenza (f'termini tal-FWSIs) fis-snin l-iktar reċenti ta' osservazzjoni kif imsemmi fit-taqsima 3.1, bl-esklużjoni tas-snin użati sabiex jiġi stabbilit l-NRV.

Jekk dan l-inċident uniku huwa iktar sever, f'termini ta' konsegwenzi, mill-inċident uniku l-aktar sever inkluż fid-dejta sabiex ikun stabbilit l-NRV, dan għandu jiġi eskluż mill-istatistika. Il-MWA mbagħad terġa' tiġi kkalkulata sabiex jiġi verifikat jekk din taqax fil-limiti tal-firxa ta' tolleranza msemmija hawn fuq. Jekk dan ikun il-każ, il-prestazzjoni tas-sikurezza titqies aċċetabbli. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-proċedura tgħaddi għat-tielet stadju ta' valutazzjoni.

3.2.4. It-tielet stadju ta' valutazzjoni għandu jivverifika jekk tkunx l-ewwel darba fl-aħħar tliet snin li t-tieni stadju ta' valutazzjoni ma jkunx ta evidenza ta' prestazzjoni aċċetabbli tas-sikurezza. Jekk dan ikun il-każ, ir-riżultat tat-tielet stadju ta' valutazzjoni għandu jiġi kklassifikat bħala wieħed li "għadda". Il-proċedura tgħaddi għar-raba' stadju, ikun x'ikun ir-riżultat tat-tielet stadju.

3.2.5. Ir-raba' stadju ta' valutazzjoni għandu jivverifika jekk l-għadd ta' inċidenti sinifikanti għal kull km ta' ferrovija baqax stabbli (jew naqasx), meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Il-kriterji għal din l-istima għandhom ikunu bbażati fuq jekk kienx hemm żieda statistikament sinifikanti fl-għadd ta' inċidenti sinifikanti rilevanti għal kull km ta' ferrovija. Dan għandu jiġi vvalutat skont il-liġi ta' Poisson bl-użu ta' limitu ta' tolleranza ogħla li jiddetermina l-varjabbiltà aċċetabbli bbażata fuq l-għadd ta' inċidenti li seħħew fl-Istati Membri differenti.

Jekk l-għadd ta' inċidenti sinifikanti għal kull km ta' ferrovija ma jaqbiżx ir-rabta ta' tolleranza msemmija, wieħed jista' jassumi li ma kienx hemm żieda sinifikanti statistikament u r-riżultat ta' dan l-istadju ta' valutazzjoni għandu jiġi kklassifikat bħala wieħed li "għadda".

Skont il-kategorija tar-riskju li għaliha jkunu qed jirreferu l-NRVs differenti li tkun qed issir il-valutazzjoni tal-ilħiq tagħhom, l-inċidenti sinifikanti li għandhom jitqiesu sabiex jitwettaq dan l-istadju ta' valutazzjoni huma dawn li ġejjin:

(a) ir-riskji għall-passiġġieri: l-inċidenti sinifikanti rilevanti kollha;

(b) ir-riskji għall-persunal jew il-ħaddiema li jinkludu l-persunal tal-kuntratturi: l-inċidenti sinifikanti rilevanti kollha;

(c) ir-riskji għall-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell: l-inċidenti sinifikanti rilevanti kollha inklużi fil-kategorija ta' "inċidenti li jinvolvu intersezzjonijiet fuq l-istess livell";

(d) ir-riskji għall-persuni mhux awtorizzati fl-installazzjonijiet ferrovjarji: l-inċidenti sinifikanti rilevanti kollha inklużi fil-kategorija ta' "inċidenti kkawżati lill-persuni mill-vetturi ferrovjarji waqt li jkunu qed jiċċaqalqu";

(e) ir-riskji għall-oħrajn: l-inċidenti rilevanti sinifikanti kollha;

(f) ir-riskju għas-soċjeta in ġenerali: l-inċidenti kollha sinifikanti.

3.3. *Il-proċess tal-medja mobbli kkoreġuta għall-valutazzjoni annwali tal-ilħiq tal-NRVs*

3.3.1. Għal kull Stat Membru u għal kull waħda mill-kategoriji tar-riskju li għalihom tiġi applikata il-medja mobbli kkoreġuta (MWA) sabiex f'kull sena Y (li tinbeda minn Y = 2010 'il quddiem), jitwettqu l-istadji ta' valutazzjoni spjegati fit-taqsima 3.2, għandhom jiġu applikati l-fażijiet li ġejjin sabiex tiġi kkalkulata l-$MWA_Y$:

(a) il-kalkolu tal-osservazzjonijiet annwali $OBS_i$ li jirriżultaw mill-indikaturi korrispondenti elenkati fl-Appendiċi 1, wara l-provvediment bħala input tad-dejta disponibbli mis-sorsi msemmija fit-taqsima 1.1 għas-snin rilevanti (l-indiċi *i* jieħu l-valuri spjegati fil-formula ta' hawn taħt);

(b) il-kalkolu tal-medja aritmetika għas-sena-*n* (*AV*) tal-osservazzjonijiet annwali $OBS_i$ [inizjalment $n = 4$; mill-2012 'il quddiem $n = 5$];

(c) il-kalkolu tal-valur assolut tad-differenza $ABSDIFF_i$ bejn kull osservazzjoni annwali $OBS_i$ u l-*AV*. Jekk $ABSDIFF_i < 0.01 * AV$, lill-$ABSDIFF_i$ jiġi attribwit valur kostanti ekwivalenti għal $0.01 * AV$;

(d) il-kalkolu tal-piż $W_i$, billi jittieħed l-invers ta' $ABSDIFF_i$;

(e) il-kalkolu tal-$MWA_Y$ kif ġej:

$$\mathrm{MWA_Y} = \frac{\sum_{i=x}^{N} W_i \times OBS_i}{\sum_{i=x}^{N} W_i};$$

fejn *i* huwa numru naturali u $\begin{cases} \textit{if } Y = 2010 \textit{ or } 2011\text{: } x = Y - 5;\ N = Y - 2 \\ \textit{if } Y \geq 2012\text{: } x = Y - 6;\ N = Y - 2 \end{cases}$

*APPENDIĊI 1*

**L-unitajiet tal-kejl għall-NRVs u s-CSTs**

| Il-kategorija tar-riskju | L-unitajiet tal-kejl | Il-bażijiet ta' gradazzjoni |
|---|---|---|
| 1. Il-passiġġieri | 1.1 L-għadd ta' FWSIs ta' passiġġieri kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/L-għadd ta' km ta' ferrovija tal-passiġġieri kull sena | km ta' ferrovija tal-passiġġieri kull sena |
| | 1.2 L-għadd ta' FWSIs ta' passiġġieri kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/L-għadd ta' km ta' passiġġier kull sena | km ta' passiġġier kull sena |
| 2. L-impjegati | L-għadd ta' FWSIs tal-impjegati kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/L-għadd ta' km ta' ferrovija kull sena | km ta' ferrovija kull sena |
| 3. L-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell | 3.1 L-għadd ta' FWSIs tal-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/L-għadd ta' km ta' ferrovija kull sena | km ta' ferrovija kull sena |
| | 3.2 L-għadd ta' FWSIs tal-utenti ta' intersezzjoni fuq l-istess livell kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/[(Għadd ta' km ta' ferrovija kull sena * Għadd ta' intersezzjonijiet fuq l-istess livell)/km ta' linja ferrovjarja)] | (km ta' ferrovija kull sena * Għadd ta' intersezzjonijiet fuq l-istess livell)/km ta' linja ferrovjarja |
| 4. L-oħrajn | L-għadd fis-sena tal-FWSIs ta' persuni li jagħmlu parti mill-kategorija "l-oħrajn" li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/Għadd ta' km ta' ferrovija kull sena | km ta' ferrovija kull sena |
| 5. Persuni mhux awtorizzati fuq l-installazzjonijet ferrovjarji | L-għadd ta' FWSIs ta' persuni mhux awtorizzati fuq l-installazzjonijiet ferrovjarji kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/Għadd ta' km ta' ferrovija kull sena | km ta' ferrovija kull sena |
| 6. Is-soċjetà kollha | L-għadd totali ta' FWSIs kull sena li jirriżultaw minn inċidenti sinifikanti/Għadd ta' km ta' ferrovija kull sena | km ta' ferrovija kull sena |

*APPENDIĊI 2*

**Dijagramma Sekwenzjali għall-proċedura msemmija fil-punt 3.1.1(a) tal-Anness**



# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Ġunju 2009

## li taħtar rappreżentant tal-Kummissjoni għall-Bord tal-Ġestjoni tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini

(2009/461/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 65 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawnhekk 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") għandu jinkludi żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni.

(2) Minħabba li fit-2 ta' Ġunju 2009 se jispiċċa l-mandat attwali tar-rappreżentant tal-Kummissjoni u sostitut mid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija, meħtieġ li jinħatar membru għall-Bord tal-Ġestjoni tal-Aġenzija mid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriżi u l-Industrija u sostitut li se jieħu post il-membru fl-assenza tiegħu/tagħha u jivvota f'ismu/f'isimha,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandu jkun persuna li tokkupa l-pożizzjoni u li teżerċita l-funzjonijiet mniżżla hawn taħt:

(a) Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġeneral għall-Intrapriża u l-Industrija.

Ir-rappreżentant alternattiv għandu jkun persuna li tokkupa l-pożizzjoni u li teżerċita l-funzjonijiet mniżżla hawn taħt:

(b) Id-Direttur li jmexxi d-Direttorat li hu responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti mediċinali abbażi tal-programm ta' ħidma tat-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-persuni li jokkupaw, anke jekk fuq bażi temporanja, il-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 fid-data ta' meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni, jew għal kull suċċessur tal-persuni f'dawk il-pożizzjonijiet.

*Artikolu 3*

Id-Direttur Ġenerali għad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija għandu jinforma lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini bl-ismijiet tal-persuni li jokkupaw il-karigi msemmija fl-Artikolu 1, u kull tibdil fihom.

Magħmula fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Günter VERHEUGEN

*Viċi-President*

([1]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Ġunju 2009

## li tidderoga mill-punt 1(d) tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/420/KE, fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni għal injam suxxettibbli minn barra ż-żoni demarkati

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4515)*

(2009/462/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Fit-28/05/2009, il-Kummissjoni adottat id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2009/420/KE ([2]) li temenda d-Deċiżjoni 2006/133/KE li tirrikjedi lill-Istati Membri li temporanjament jieħdu miżuri addizzjonali kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.*(in-nematodu tal-arżnu – pine wood nematode) f'dak li jirrigwardja żoni fil-Portugall, minbarra dawk li fihom huwa magħruf li ma jeżistix. Dik id-Deċiżjoni introduċiet l-obbligu fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/133/KE ([3]), mis-16 ta' Ġunju 2009, li materjal tal-imballaġġ magħmul minn injam suxxettibbli u li ma joriġinax miż-żoni demarkati, isirlu wieħed mit-trattamenti approvati speċifikati fl-Anness I tal-Istandard Internazzjoni Nru 15 tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji, u jiġi mmarkat skont l-Anness II tal-Istandard imsemmi qabel ma jiġi mċaqlaq miż-żoni demarkati għal żoni oħra fl-Istati Membri jew f'pajjiż terzi kif ukoll minn parti miż-żona demarkata fejn huwa magħruf li hemm il-pine wood nematode għall-parti taż-żona demarkata magħżula bħala żona bafer.

(2) Il-materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam jinħtieġ għat-trasport ta' ħafna prodotti ta' kull tip. Madankollu, s'issa l-produzzjoni u l-użu ta' materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam suxxettibbli ttrattat u mmarkat skont l-Annessi I u II tal-Istandard Internazzjoni Nru 15 tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji mhumiex ġeneralizzati fil-Komunità. Partikolarment, jidher li mhux biżżejjed materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam li jikkonforma mal-Istandard Internazzjoni Nru 15 tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji jista' jitlesta fi żmien qasir biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi li jagħmlu kummerċ mill-Portugall lejn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi.

(3) Biex jiġi evitat ir-riskju li jitfixkel il-kummerċ b'mod disproporzjonat, jidher li tinħtieġ deroga fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni 2006/133/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/420/KE, li tirreferi għall-obbligu li l-materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam suxxettibbli u li ma joriġinax minn żoni demarkati jiġi ttrattat u mmarkat skont l-Annessi I u II tal-Istandard Internazzjoni Nru 15 tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji qabel ma jiġi mċaqlaq miż-żoni demarkati fil-Portugall għal żoni oħra.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt 1(d) tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/420/KE, ma għandux japplika fir-rigward ta' injam suxxettibbli li joriġina minn barra ż-żoni demarkati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-16 ta' Ġunju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 135, 30.5.2009, p. 29.
([3]) ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 248.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT